L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 26 ta' Awwissu, 2005

**"Il-Hanut ta' l-Argentier"**

Kif tafu ghal sena ohra se jittella' gewwa t-Teatru tal-Kwartieri Generali tal-Partit Laburista dramm ta' klassi. U ghal sena ohra nixtieq nesprimi s-sodisfazzjon tieghi li, din is-sena, ser intellghu dramm ta' persunagg li ftit li xejn nafuh bhala kittieb imma flimkien ser niskopru t-talenti letterarji tieghu. Dan il-kittieb m'huwa hadd hlief il-Papa Gwanni Pawlu II.

Ghalkemm bosta semghu bil-Papa Gwanni Pawlu it-Tieni (din il-frazi tista' tinstema' tad-dahk, bhal dak li qallu, min qatt ma sema' bil-Papa?!) ftit huma dawk li jafu li l-Papa Gwanni Pawlu kien kittieb ta' drammi u tal-poeziji. Dan il-Papa kiteb zewg drammi u numru ta' poeziji. Id-drammi li kiteb Wojtyla huma: "Hu l-Alla taghna" li nkiteb fi zmien it-tieni gwerra dinjija u "Il-Hanut ta' l-Argentier" li gie ppublikat fl-1960 meta Wojtyla kien Isqof ta' Krakovja. Dan id-dramm gie maqlub ghall-Malti mill-Professur Oliver Friggieri, u gie ppublikat fl-1981.

Meta l-Papa ppubblika dan id-dramm, dan ghamlu taht psewdonomu. Dan id-dramm jittratta t-temi tal-familja u l-imhabba bejn l-gharajjes. Hawn hafna interpretazzjonijiet tal-kuncetti tal-familja u l-imhabba. Naraw zewg koppji u r-relazzjoni ta' bejniethom, imbaghad naraw kif l-ulied ta' dawn il-koppji jingibdu lejn xulxin meta dawn jikbru u jiffurmaw koppja ohra.

Wojtyla jesplora d-diffikultajiet li ggib maghha l-imhabba u jasal ghall-konkluzjoni li, "…l-imhabba mhix avventura…Ghandha l-piz specifiku taghha." Ghal Wojtyla, l-imhabba vera mhix relattiva. Ir-relattivizmu, li tant jitkellem kontrih il-Papa' Benedittu, huwa essenzjalment id-dibattitu fuq in-natura tal-verità. Kemm "il-verità" tezisti? X'valuri ser inhaddnu jekk il-verità li, hija l-aqwa valur, tista' tvarja minn bniedem ghall-iehor. Sa minn zmien Kristu naraw lil Pilatu jistaqsi "Il-verità x'inhi?" bhal donnu jrid jghid li kull bniedem ghandu l-opinjoni tieghu, u ghalhekk jista' jkun hemm aktar minn verità wahda. Matul iz-zmien, kien il-kompitù ta' kull religjon, li tiggieled id-diversitajiet tal-verità, u turi t-triq lejn verità wahda, sagrosanta, u mhux relattiva.

Il-familja kif jaraha Karol Wojtyla hija familja taht pressjoni, mhux biss biex tiddefinixxi ruhha, izda biex tghix f'socjetà fejn il-kilba ghall-gid u l-egoizmu jigu l-ewwel. Illum, daqs qabel, dan il-messagg huwa attwali.

Id-dramm ta' Wojtyla mhux wiehed facli biex jittella' fuq il-palk, però, mill-banda l-ohra huwa melodjuz u l-prodott finali ghandu jinzel tajjeb ma' l-udjenza, li bosta minnha min jaf kemm xejret u ffullat madwar il-Papa Wojtyla meta dan gie Malta. Fil-fatt ghal bosta nies taht it-tletin sena, Karol Wojtyla mhuwiex sempliciment Papa, izda "Il-Papa" ghax ma jiftakrux Papa iehor, u ghalhekk ir-rwol ta' Papa sar qisu sinonimu mieghu.

Id-direzzjoni tad-dramm hija f'idejn ***Reuben Gauci*** li kiteb ir-rumanzi "Qabel il-Gwerra", "Il-Belt Lunari " u "Xih" li nqraw fuq radju *Super One*. L-atturi huma Mariella Aquilina (li s-sena l-ohra hadet sehem ukoll fid-dramm ta' Alfred Sant "It-Tfal ta' Nikol Grixti"), Carmelo Serracino u Tyrone Grima li t-tnejn tellghu diversi xoghlijiet it-Teatru Manoel apparti produzzjonijiet ohra. Ma' dawn it-tlett atturi se jinghaqdu ohrajn. Dan id-dramm ser ikollu muzika originali ta' Norman Cristina.

Wara li jittella' d-dramm li se jkun twil minn nofs siegha sa tliet kwarti issir il-premjazzjoni tar-rebbieha tal-Konkorsi bit-tema "Haddiem" li gew imnedija iktar kmieni din is-sena u wirja tax-xoghlijiet tal-partecipanti fil-kategoriji ta' l-arti u tal-fotografija jkunu esebiti fil-*foyer* tal-Kwartieri. Minn hawnhekk nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li ppartecipaw din is-sena li jghoddu aktar minn tletin ruh, u li huma wkoll ghenu hafna biex is-serata tkun possibbli. Fil-fatt il-livell milhuq din is-

sena huwa wkoll wiehed gholi bil-partecipazzjoni ta' ismijiet maghrufa u ohrajn m'humiex daqstant maghrufa, izda li ghandhom pinna tajba u ghajn tajba ghall-arti. Il-membri tal-gurija, li minn hawnhekk ukoll nirringrazzjahom, ser ihabbru r-rizultati waqt is-serata se jipprezentaw ir-rizultati taghhom dakinhar stess tas-serata.  Ta' min jghid li koincidentalment ir-rebbieh tal-konkors tal-kitba tas-sena l-ohra din is-sena huwa propju id-direttur tad-dramm Reuben Gauci – li minn semplicement konkorrent ghazel li jahdem mat-tim taghna wkoll bhala direttur.

Barra minhekk tittella' lotterija kbira li fiha madwar LM500 fi premjijiet x'jintrebhu, bl-ewwel premju tkun safra ghal Vjenna bl-akkomodazzjoni mhallsa, li l-biljetti taghha inbieghu matul is-sajf. Ghalkemm dawk li xtraw jew se jixtru l-biljetti tal-lotterija m'ghandhomx ghalxiex jattendu ghas-serata abbinata, bhala novità ghal din is-sena l-ewwel rebbieh tal-lotterija li jkun prezenti waqt is-serata meta jinghajjat in-numru tal-biljett rebbieh apparti l-premju li jkun rebah ser jinghata wkoll premju ta' LM30 flus.  Ghal dawk li ghadhomx ma xtrawx biljetti dawn ser ikunu jistghu jinxtaw ukoll mill-bieb.

Is-serata bhas-sena l-ohra sejra wkoll tinvolvi l-partecipazzjoni ta' diversi kantanti u kummidjanti stabbiliti Maltin.

Biljetti ghal dan id-dramm jistghu jigu ordnati minn issa  minghand membri tal-Kumitati Lokali kollha jew inkella jinxtraw mill-Kwartieri Generali tal-Partit Laburista, il-Hamrun, kuljum mid-9:00am sad-9:00pm, mill-15 ta' Settembru 'l quddiem. Il-membri tal-kumitati jistghu jigu kkuntattjati fuq in-numri tat-telefon li jidhru fuq id-direttorju taht "*Malta Labour Party*" skond il-lokalitajiet li tehtiegu. Il-bibien tas-sala jinghalqu fis-6:30pm billi ser jigu osservati regoli stretti tat-teatru. Però, ghal aktar informazzjoni tistghu dejjem iccemplu fuq 21 330 654 / 21 24 99 00 jew 7944 3906.  Napprezza jekk tibaghtu *sms* minflok iccemplu jew tordnaw il-biljetti taghkom permezz ta' l-indirizz ta' l-imejl lornav@onvol.net

Il-Biljetti huma bil-prezz ta' LM1.50c jew LM2.

Il-parti taghna ta' l-organizzazzjoni kull wiehed u wahda minnha ghamilnieha u ghamilnieha sewwa. Nittama li tabilhaqq il-pubbliku japprezza inizjattivi kulturali bhal dawn u, li dak inhar, it-Teatru tal-Kwartieri jkollu udjenza sabiha.

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*